# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 420/11/1 SM**

**GO p.l.c. (C-22334)**

**v.**

**Schembri Infrastructures Limited (C-17388);**
**B'digriet tal-10 ta' Mejju, 2016 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553); u**
**B'digriet tat-28 ta' April 2017 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Elmo Insurance Limited (C-3500)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi GO p.l.c. minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' April, 2019 li permezz tagħha ħelset mill-osservanza tal-ġudizzju lill-

kumpaniji assiguratriċi kjamati fil-kawża, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta Schembri Infrastructures Limited u ċaħdet it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' April, 2011, il-kumpanija attriċi tgħid li waqt li l-kumpanija konvenuta Schembri Infrastructures Limited kienet għaddejja b'xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Għar Dalam, Birżebbuġa nhar l-20 ta' Marzu, 2007 jew fil-jiem ta' qabel, ikkawżatilha danni strutturali fis-somma ta' €72,960.40.

3. Il-kumpanija appellanti tfisser li fil-21 ta' Marzu, 2007 għamlet rapport lill-Pulizija rigward dan u tgħid ukoll li dak iż-żmien hija kienet taħdem taħt l-isem ta' Maltacom p.l.c. għalkemm kienet magħmula mill-istess personalità ġuridika. Tgħid li għalkemm sejħet lill-kumpanija appellata biex tħallas is-somma msemmija, din baqgħet inadempjenti.

4. Il-kumpanija attriċi appellanti għaldaqstant fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli tal-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura tas-soċjetà attriċi kif aktar 'il fuq spjegat, u tikkundannaha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u sebgħin elf disa' mija u sittin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€72,960.40) in konnessjoni mal-ħsarat fuq ċitati;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u tal-ittri uffiċjali bir-riferenza 4785/07, 3508/09, u 4152/10 u bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-9 ta' Awwissu 2007, data tal-fattura fuq ċitata, kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni".*

5. Il-kumpanija Schembri Infrastructures Limited ressqet risposta maħlufa fil-21 ta' Ġunju, 2011 u fiha qalet hekk:

*"A. <u>Eċċezzjonijiet</u>*

*1.Illi t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti, stante illi s-soċjetà esponenti mhijiex responsabbli għall-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura tas-soċjetà rikorrenti. Għall-kuntrarju, il-ħsarat inkwistjoni seħħew unikament tort tas-soċjetà rikorrenti minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni da parti l-impjegati tal-istess soċjetà rikorrenti, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tar-rikors ġuramentat odjern. Illi għalhekk is-soċjetà esponenti ma hija tenuta li tagħmel tajjeb għal ebda danni.*

*2.Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà rikorrenti trid tagħmel il-prova tad-danni realment subiti minnha.*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà rikorrenti.*

*B. <u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>*

*1.Illi dwar il-fatti msemmija mis-soċjetà rikorrenti fil-paragrafu 1 tar-rikors ġuramentat tagħha, filwaqt illi s-soċjetà esponenti tikkonferma illi kienet qiegħda tagħmel xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Għar Dalam, Birżebbuġa, nhar l-20 ta' Marzu, 2007, is-soċjetà esponenti mhijiex responsabbli għall-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura tas-soċjetà rikorrenti waqt l-istess xogħlijiet. Għall-kuntrarju, il-ħsarat inkwistjoni seħħew unikament tort tas-soċjetà rikorrenti minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni da parti l-impjegati tal-istess soċjetà rikorrenti.*

*2. Illi l-fatti msemmija mis-soċjetà rikorrenti fil-paragrafu 2 tar-rikors ġuramentat tagħha mhumiex kontestati. Jingħad però illi ma kien hemm l-ebda proċedura kriminali li ttieħdu relattivament għall-inċident mertu tar-rikors ġuramentat odjern.*

*3. Illi dwar il-fatti msemmija mis-soċjetà rikorrenti fil-paragrafu 3, u b'referenza wkoll għad-dikjarazzjoni fil-paragrafu 6 tar-rikors*

*ġuramentat tagħha, jerġa' jingħad illi inkwantu s-soċjetà esponenti mhijiex responsabbli għall-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura tas-soċjetà rikorrenti, hija ma kinitx tenuta li tagħmel tajjeb għad-danni. Is-soċjetà esponenti ttenni illi l-ħsarat inkwistjoni seħħew unikament tort tas-soċjetà rikorrenti minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' attenzjoni da parti l-impjegati tal-istess soċjetà rikorrenti.*

*4. Illi l-fatti msemmija mis-soċjetà rikorrenti fil-paragrafu 4 tar-rikors ġuramentat tagħha mhumiex kontestati".*

6. Il-kumpanija msejħa fil-kawża Mapfre Middlesea p.l.c. ressqet risposta maħlufa fit-8 ta' Ġunju, 2016 u fiha qalet hekk:

*"A. <u>Eċċezzjonijiet</u>*

*1.Illi preliminarjament, is-soċjetà eċċipjenti m'għandha l-ebda relazzjoni mas-soċjetà rikorrenti u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2.Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk is-soċjetà eċċipjenti, fuq talba tas-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Ltd, ġiet ikkjamata fil-kawża stante li l-istess soċjetà eċċipjenti ħarġet polza ta' assikurazzjoni relattivament għax-xogħlijiet, mertu tar-rikors ġuramentat odjern, kellha tiġi kkjamata fil-kawża wkoll is-soċjetà Elmo Insurance Limited li wkoll ħarġet polza ta' assikurazzjoni għall-istess xogħlijiet;*

*3.Illi fil-fatt, is-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Ltd kienet intalbet mis-soċjetà eċċipjenti biex tinvolvi lill-imsemmija Elmo Insurance Limited, kif is-soċjetà eċċipjenti kellha dritt tesiġi a tenur tal-polza maħruġa minnha, u s-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Ltd naqset li tagħmel dan bla ebda raġuni valida, bil-konsegwenza li kissret kundizzjoni fundamentali tal-istess polza, u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

*B. <u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>*

*1.Illi kif inhu evidenti mill-atti kollha tar-rikors ġuramentat odjern, is-soċjetà eċċipjenti m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti.*

*2.Is-soċjetà eċċipjenti ħarġet polza ta' assikurazzjoni favur is-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Ltd relattivament għax-xogħlijiet,*

*mertu tar-rikors ġuramentat odjern, kif fil-fatt għamlet is-soċjetà Elmo Insurance Limited.*

*3.Illi s-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Ltd kienet intalbet mis-soċjetà eċċipjenti biex tinvolvi lill-imsemmija Elmo Insurance Limited, kif is-soċjetà eċċipjenti kellha dritt tesiġi a tenur tal-polza maħruġa minnha, u s-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Ltd naqset li tagħmel dan bla ebda raġuni valida, bil-konsegwenza li kissret kundizzjoni fundamentali tal-istess polza".*

7. Il-kumpanija msejħa fil-kawża Elmo Insurance Limited ressqet risposta maħlufa fl-24 ta' Mejju, 2017 u fiha qalet hekk:

*"1.Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu diretti kontra s-soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited stante li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-istess soċjetà rikorrenti u s-soċjetà assikurattiva Elmo Insurance Limited. Ġaladarba bejn dawn iż-żewġ partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu ġuridiku [li jitnissel ex nunc minn xi aġir extra kuntrattwali] li jorbothom flimkien ai finijiet tal-preżenti kawża, isegwi għalhekk li s-soċjetà esponenti Elmo Insurance Limited mhijiex il-leġittimu kontradittriċi għal-lanjanzi tas-soċjetà rikorrenti u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2.Di più, is-soċjetà esponenti tirrileva illi r-relazzjoni ta' bejnha u bejn is-soċjetà intimata Schembri Infrastructures Limited (li permezz ta' rikors datat 28 ta' Marzu, 2017 talbet il-kjamata in kawża tas-soċjetà esponenti) hija waħda interna, regolata bil-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni viġenti bejniethom, għal liema relazzjoni is-soċjetà rikorrenti hija totalment estranea.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti kontra s-soċjetà esponenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, it-talbiet rikorrenti in kwantu diretti kontra s-soċjetà esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*5.Illi konsegwentement, mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur is-soċjetà rikorrenti u wisq anqas għandha s-soċjetà esponenti tiġi kkundannata tħallas lill-istess soċjetà rikorrenti xi danni hekk likwidati.*

*6. Salv u b'riżerva għal kull eċċezzjoni ulterjuri permessa mil-Liġi, bl-ispejjeż kontra tal-istess soċjetà rikorrenti".*

8. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wasluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*"Ikkunsidrat:*

*15.0. Illi l-proċedura odjerna tista' tiġi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:*

*15.1. Illi s-soċjetà rikorrenti qed titlob li s-soċjetà intimata tiġi:*

*15.1.1. Dikjarata responsabbli għall-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura in diżamina fi Triq Għar Dalam, Birżebbuġa, fl-20 ta' Marzu, 2007;*

*15.1.2. Ikkundannata tħallas is-somma ta' €72,960.40 f'danni, oltre l-imgħaxijiet dovuti*

*16. Illi s-soċjetà intimata għamlet ix-xogħlijiet ta' skavar għall-Water Services Corporation f'Birżebbuġa, liema xogħlijiet kienu debitament koperti bil-permessi neċessarji, (ara foll 132);*

*17. Illi skont id-direttur tas-soċjetà intimata qabel ma nbeda x-xogħol infrastrutturali inkwistjoni l-entitajiet kollha involuti – fosthom is-soċjetà rikorrenti – kellhom imorru fuq il-post biex jimmarkaw fejn kienu sitwati s-servizzi rispettivi tal-istess entitajiet biex b'hekk, is-soċjetà intimata ma tiskavax fil-postijiet hekk minnhom immarkati, (ara foll 198);*

*18. Illi skont il-perit tal-istess soċjetà intimata s-soċjetà rikorrenti mmarkat bil-kulur aħdar il-post minn fejn kienu għaddejjin il-cables tagħha, (ara foll 222), liema marki kuluriti bl-aħdar saru minn Joseph Bonnici għas-soċjetà rikorrenti, (ara foll 157);*

*Ikkunsidrat:*

*19.0. Is-soċjetà intimata ssostni li l-immarkar bil-kulur ma sarx sew mis-soċjetà rikorrenti u:*

*19.1. Issostni li żammet distanza mill-marki magħmula mis-soċjetà rikorrenti biex b'hekk tevita l-cables tas-soċjetà de quo;*

*19.2. Illi d-distanza hekk miżmuma hi waħda meqjusa "safe distance" ta' metru (1m) 'l bogħod mill-marki, (ara foll 222);*

*19.3. Illi in effetti l-cable milqut kien żewġ metri punt tlieta, (2.3m), il-bogħod mill-marki kif magħmula mis-soċjetà rikorrenti stess, (ara foll 203);*

*19.4. Illi x-xogħol ta' skavar mis-soċjetà intimata sar wara li din għamlet ukoll pilot holes qabel bdiet l-istess skavar, (ara foll 199);*

*20. Illi għalhekk is-soċjetà intimata ssostni li sabet cables tas-soċjetà rikorrenti f'post fejn ma kien hemm l-ebda marka jew indikazzjoni magħmula mis-soċjetà rikorrenti biex tindika li l-istess cable seta' jkun preżenti;*

*21. Illi appena intlaqat il-cable, is-soċjetà intimata infurmat lis-soċjetà rikorrenti bl-akkadut;*

*22. Illi s-soċjetà intimata ssostni li ma kinitx responsabbli għall-ħsarat ikkaġunati;*

*Ikkonsidrat:*

*23. Illi s-soċjetà rikorrenti ssostni li għamlet il-marki tagħha matul il-ġenb tat-triq u/jew fuq il-bankina, (ara foll 231);*

*24. Illi l-istess soċjetà rikorrenti ssostni wkoll li tat struzzjonijiet lis-soċjetà intimata li dawn il-marki minnha magħmula kienu biss indikazzjonijiet u li kellhom ukoll isiru verifiki addizzjonali qabel jibda x-xogħol biex b'hekk jiġi identifikat il-punt eżatt minn fejn kienet għaddejja l-infrastruttura sotterranja tas-soċjetà rikorrenti, (ara foll 231);*

*Ikkunsidrat:*

*25. Illi tul il-proċedura ġew kjamati in kawża żewġ (2) soċjetajiet assikuratrici;*

*26.0. Illi sintetikament dawn isostnu s-segwenti:*

*26.1. Is-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c.*

*26.1.1. Illi rrilaxxat polza ta' assigurazzjoni tat-tip "Contracts All Risk", favur is-soċjetà intimata, (ara foll 281);*
*26.1.2. Illi mhijiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*26.2. Is-soċjetà Elmo Insurance Limited:*

*26.2.1. Illi rrilaxxat polza ta' assigurazzjoni favur is-soċjetà intimata;*

*26.2.2. Ili din il-polza inħarġet għall-istess xogħol infrastrutturali in diżamina;*

*26.2.3. Illi l-polza hekk maħruġa hi tat-tip "Public Liability Policy" (ara foll 394);*

*Ikkunsidrat:*

*27. Illi f'dan l-istadju tiġi issa indirizzata l-eċċezzjoni preliminari sollevata miż-żewġ (2) soċjetajiet kjamati in kawża fuq indikati;*

*28.0. Illi z-żewġ soċjetajiet kjamati in kawża t-tnejn jissottomettu li:*

*28.1. M'għandhomx relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti billi din ir-relazzjoni hi biss bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà intimata, (ara foll 257 u 382);*

*28.2. Għalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn dawn iż-żewġ (2) soċjetajiet kjamati in kawża u s-soċjetà rikorrenti;*

*28.3. Illi konsegwenza tal-istess dawn għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*29. Illi minn eżami akkurat tar-riżultanzi għandu jkun paċifiku li ż-żewġ (2) soċjetajiet kjamati in kawża huma għalkollox estranei għall-mertu tal-vertenza in diżamina;*

*30. Illi in effetti jirriżulta li r-relazzjoni ġuridika li huma għandhom hi biss mas-soċjetà intimata u mhux ma' dik rikorrenti;*

*Ikkunsidrat:*

*31. Illi in vista tas-suespost allura għandu jkun paċifiku li s-soċjetà rikorrenti qatt ma tista' tottjeni kundanna ġudizzjarja kontra l-imsemmija kjamati in kawża stante li dawn m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika magħha;*

*32. Illi konsegwentement l-imsemmija soċjetajiet kjamati in kawża mhumiex il-leġittimu kontraditturi tas-soċjetà rikorrenti u b'hekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*Ikkunsidrat:*

*33. Illi fid-dawl tas-suespost m'hemm bżonn li jingħad xejn dwar l-eċċezzjoni preliminari sussegwenti tas-soċjetà kjamata in kawża Elmo Insurance Limited rigwardanti l-preskrizzjoni a tenur tal-Artiklu 2153 tal-Kap 16, (ara foll 382);*

*Ikkunsidrat:*

*34.0. Illi fuq il-mertu tal-vertenza in diżamina jingħad sintetikament is-segwenti:*

*34.1. Illi l-kawża kif proposta mis-soċjetà rikorrenti tirrigwarda d-danni akwiljani;*

*34.2. Illi f'dan ir-rigward l-artikli rilevanti huma l-artikli 1031 u 1032 (1) tal-Kap 16 li jistipulaw is-segwenti:*

*"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu;*

*"1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, d-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja";*

*34.3. Illi in vista tal-istess artikli hawn riprodotti jispetta allura lis-soċjetà rikorrenti biex tipprova l-ħtija u r-responsabbiltà tas-soċjetà intimata bħall-ħsarat ikkaġunati mertu tal-proċedura odjerna;*

*Ikkunsidrat:*

*35. Illi s-soċjetà intimata ssostni li dik rikorrenti qatt ma mmarkat il-cable inkwistjoni jew b'xi mod ġabet l-eżistenza tal-istess a konjizzjoni tas-soċjetà intimata;*

*36. Illi meta l-istess "technical executive" (ara foll 87), tas-soċjetà rikorrenti kien mistoqsi f'dan ir-rigward – senjatament jekk kienx hemm marki fejn it-trinka li fiha inqata' l-cable mertu tal-proċedura odjerna, hu wieġeb li ma kienx jaf, (ara foll 88);*

*37. Illi in effetti dak indikat fil-paragrafu preċedenti jikkontrasta ma' dak dikjarat mill-persuna responsabbli għall-overseers li jsostni fir-rapport tiegħu li meta mar fuq is-sit tal-inċident sab li l-kuntrattur, (is-soċjetà intimata), kien ħadem direttament fuq il-marki magħmulin mis-soċjetà rikorrenti, (ara foll 154);*

*Ikkunsidrat:*

*38. Illi fid-dawl tal-istess riżultanzi fuq elenkati jirriżulta li l-Qorti allura għandha żewġ (2) verżjonijiet kontrastanti – t-tnejn ppreżentati minn rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti stess;*

*39. Illi jiġi sottolineat li skont il-kundizzjoni numru 14 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali għal Permess TP4, (ara foll 141):*

*"Filwaqt illi l-ħaddiema tal-entitajiet jippruvaw ikunu preċiżi fl-immarkar tagħhom, b'danakollu, l-istess immarkar huma biss indikazzjonijiet ta' fejn ikunu għaddejjin s-servizzi jew/u strutturi li jkunu mirduma. Bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li jekk l-entitajiet ikunu skorretti fl-immarkar tagħhom, il-kuntrattur ikun ħieles mir-responsabbiltà";*

*Ikkunsidrat:*

*40. Illi għandu jkun paċifiku li hu l-obbligu tas-soċjetà rikorrenti li timmarka eżatt u bi preċiżjoni fejn tkun sitwata l-infrastruttura tagħha li hi stess tkun stallat;*

*41. Illi di più hu d-dmir tas-soċjetà intimata, bħala s-soċjetà skavatriċi, li teżerċita d-diliġenza rikjesta f'dan l-operat biex jiġi evitat kull tip ta' dannu li jista' jirriżulta;*

*Ikkunsidrat:*

*42. Illi fir-rigward tal-immarkar in diżamina ssir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Go p.l.c. v. Alfred Limited Schembri & Sons et*** *datata t-31 ta' Jannar, 2011 li rriteniet is-segwenti:*

> *"Fil-każ tal-lum, hemm min-naħa 'l waħda l-obbligu ta' GO li timmarka kemm jista' jkun bl-eżatt is-sit fejn tinsab l-infrastruttura tagħha, u fin-naħa l-oħra, id-dmir ta' Schembri, bħala s-soċjetà skavatriċi tadempixxi ruħha mal-kundizzjonijiet obbligatorji fil-proċess ta' l-iskavar li huma intiżi sabiex jiġi skansat kull dannu";*

*43. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Maltacom plc v. Anthony Vella et,*** *datata l-15 ta' Novembru, 2006 kien f'dan ir-rigward osservat is-segwenti:*

> *"Fl-ewwel lok, l-immarkar mhuwiex xi użanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jiġi individwat b'akkuratezza l-lok fejn tkun pożizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jiġi skonġurat skavar bl-addoċċ";*

*Ikkunsidrat:*

*44. Illi din il-Qorti tħoss li l-marki in diżamina li jsiru mis-soċjetà rikorrenti għandhom jilħqu l-iskop insitu li għalih isiru senjatament, li jindikaw b'mod kemm jista' jkun korrett il-pożizzjoni preċiża tal-infrastruttura de quo [agitur];*

*Ikkunsidrat:*

*45. Illi skont il-kundizzjoni numru 10 tal-Kundizzjonijiet fuq indikati, (ara paragrafu numru disgħa u tletin, (39.) aktar qabel), jingħad li:*

> *"Għandu jiġi mmarkat fejn hemm strutturi mirduma li se jkunu, jew li jista' jkunu ta' impediment jew jista' jiġu milquta mix-xogħol. Qabel ma jibda x-xogħol l-entitajiet għandhom jimmarkaw minn fejn għaddejjin is-servizzi tagħhom, u kull devjazzjoni li ssir tax-xogħol, għandha tiġi verifikata mill-entitajiet konċernati";*

*46. Illi jiġi sottolineat f'dan l-istadju li l-Artiklu 1132 tal-Kap 16 fuq ċitat, (ara paragrafu numru erbgħa u tletin punt tnejn, (34.2.) aktar qabel), jistipula bi kjarezza li fl-imġieba tagħha persuna hi dejjem tenuta li teżerċita d-diliġenza ta' bonus paterfamilias;*

*Ikkunsidrat:*

*47. Illi ssir hawn referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Korporazzjoni EneMalta v. V.T.C. Contractors Limited****, datata l-21 ta' Mejju, 2010, li sostniet is-segwenti:*

> *"Premessi dawn l-enunċjazzjonijiet, huwa bil-wisq raġonevoli illi n-ness każwali jrid dejjem ikollu rabta ma' kondotta kolpuża għal skop ta' ħtija. Għar-raġġungiment ta' dan wieħed irid b'neċessità loġika jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeċi għall-iskop li jkun determinat b'mod objettiv u fil-konkret il-fatt li jkun ipproduċa l-ħsara u, s'intendi, r-responsabbiltà ta' min dik il-ħsara jkun ġabha fis-seħħ";*

*48. Illi kif ritenut fil-kundizzjoni numru 14, (ara paragrafu numru disgħa u tletin, (39.), aktar qabel), jirriżulta li hu l-obbligu tas-soċjetà rikorrenti li tindika bi preċiżjoni l-wiċċ tat-triq biex turi fejn tkun sitwata l-infrastruttura li hi stess tkun stallat – għalkemm l-impjegati mogħtija din ir-responsabbiltà mhux dejjem jirriżultaw għall-altezza;*

*49. Illi terġa' ssir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Go p.l.c. v. Alfred Schembri & Sons Limited et,*** *datata l-31 ta' Jannar, 2011, li f'dan ir-rigward issostni s-segwenti:*

> *"Din il-Qorti tgħid li fejn isiru l-markings, proprju għaliex mhux dejjem il-cables ikun sitwati preċiż fejn juruhom l-markings, jagħmel sens li l-kuntrattur kull tant distanza jagħmel pilot holes u occorrendo juża track location equipment sabiex jagħmel assessment akkurata tal-pożizzjoni proprja tal-cables u allura jaħdem kemm jista' f'distanza adegwata ta' sigurtà bogħod minnhom. Iżda fejn propju ma jkunx hemm markings din il-Qorti ma tifhimx l-utilità tal-pilot holes u tat-track location equipment proprju għaliex l-assenza ta' markings jeskludu għal kollox il-presenza tal-cables."*

*50. Illi għandu jkun paċifiku li kull każ għandu jkun analizzat u eżaminat fuq il-mertu tal-fattispeċi partikolari tiegħu;*

*51. Illi minn eżami tal-istess jirriżulta assodat li s-soċjetà rikorrenti rnexxielha tipprova li l-marki in diżamina saru b'mod ġenerali fl-akkwati ta' fejn effettivament kienet ġiet stallata l-infrastruttura de quo;*

*52. Illi minkejja dan, l-istess soċjetà rikorrenti ma rnexxilhiex tikkonvinċi lil din il-Qorti li l-marki inkwistjoni saru tal-anqas fil-viċinanzi tal-cable li ġiet milquta mis-soċjetà intimata;*

*53. Illi s-soċjetà rikorrenti ssostni li infurmat lill-kuntrattur li kien hemm parti mit-triq li riedet tiġi ri-eżaminata b'detector, (ara foll 29);*

*54. Illi l-imsemmija allegazzjoni hekk riportata fir-rapport tal-Pulizija hi però miċħuda mir-rappreżentant tas-soċjetà intimata, (ara ukoll foll 29);*

*55. Illi mir-ritratti eżebiti in atti jirriżulta li l-marki inkwistjoni saru, (ara foll 90 sa 97, 102 u 103);*

*56. Illi però mix-xhieda tad-direttur tas-soċjetà intimata jirriżulta li: "... fil-fatt mir-ritratti jidhru l-marki u x-xogħol tagħna qiegħed żewġ metri 'l bogħod minn dawn il-marki. Mistoqsi li intom ħriġtu aktar minn żewġ metri mill-marki ngħid illi aħna l-ispecifications kienu li mill-marka noħroġ metru" (ara foll 229);*

*57. Illi għalhekk jirriżulta li jeżistu verżjonijiet kunfliġġenti li ma servux biex iserħu moħħ il-ġudikant fir-rigward;*

*58. Illi għalhekk ma jistax jingħad li s-soċjetà rikorrenti effettwat l-immarkar tagħha fuq il-cable mertu tal-proċedura odjerna;*

*Ikkunsidrat:*

*59.0. Illi in vista tal-premess din il-Qorti ma tqisx li s-soċjetà rikorrenti ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi ..."*

9. Il-kumpanija attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fis-16 ta' April, 2019 fejn ressqet żewġt aggravji.

10. Il-kumpanija appellata ma ressqet ebda tweġiba bil-miktub. Madankollu saret trattazzjoni orali min-naħa tal-avukat li jirrappreżentaha *seduta stante.*

11. Il-kumpaniji msejħa fil-kawża wieġbu permezz ta' tweġibiet bil-miktub.

12. Inżamm smigħ fil-25 ta' Mejju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Din hija kawża li permezz tagħha l-kumpanija attriċi fittxet lill-kumpanija konvenuta għad-danni li hija ġarrbet fl-infrastruttura tagħha, waqt li l-kumpanija konvenuta kienet għaddejja bix-xogħlijiet. Għalhekk hija kawża għad-danni akwiljani.

14. Ma sarx appell mill-kap tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn il-kumpaniji kjamati fil-kawża nħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju. B'hekk dan il-kap huwa milqut b'ġudikat.

15. Il-prinċipji ġenerali li għandhom imexxu lil din il-Qorti huma dawn li ġejjin.

16. L-Artikoli tal-liġi relattivi huma l-**Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili.**

17. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Paul Vella et v. Chris Micallef*** li:

> *"F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi ħtija f'min ikun ġabhom fis-seħħ. Ħtija din li trid per forza tirriżulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diliġenza, għal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Bir-raġun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "**George Thomas Davison v. Joseph Azzopardi nomine**", Appell Kummerċjali, 2 ta' Marzu, 1962, "mill-analisi tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi għall-*

*applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiment tad-dannu kaġonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illeċitu, imma anke lil kull min indirettament jirriżenti d-danni; liema delitti u kważi-delitti huma msemmijin mil-leġislatur fir-rubrika tal-Kap II tas-Subtitolu II tat-Titolu IV tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, u li huma kumulattivament deżinjati taħt l-isem ġeneriku ta' 'ħtija' fl-artikolu ċitat";*

*Huwa bil-wisq loġiku illi jekk din il-ħtija ma tiġix ammessa jew konfessata, l-istess riedet tiġi investigata u determinata, preordinatament għall-kundanna. Jikkonsegwi illi l-eżerċizzju li kellu jsir mill-Ġudikatur kien wieħed li jimporta mhux biss attenzjoni lill-allegazzjoni ta' l-atturi imma wkoll lid-difiża tal-konvenut. Fuq kollox, jekk ġiex sewwa u konvinċentement sodisfatt il-prinċipju tal-piż tal-provi da parti ta' l-atturi, trattasi li l-kolpa f'materja akwiljana trid dejjem tiġi pruvata minnhom. Prova din li l-Ġudikatur kellu jakkwiżixxi mill-materjal probatorju offert jew deżunta mill-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ;*

*Hi dottrina elementari sew magħrufa illi "per dare luogo a responsabilità è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il danno" (ara Fadda, "Giurisprudenza sul Codice Civile", Vol. V p. 721). Dan il-prinċipju sab rispons favorevoli f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet **"Giovanni Sarè v. Carmelo Farrugia et"**, Appell Kummerċjali, 6 ta' Frar, 1928. Fi kliem ieħor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż" ("**John Debono et v. Negte. Joseph Muscat proprio et nomine**", Appell Kummerċjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "**Paul Debono v. Malta Drydocks**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' April, 2005";*

18. Illi l-**ewwel aggravju** tal-kumpanija appellanti huwa msejjes fuq in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tgħarbel sew il-fatti li kellha fl-atti proċesswali u b'mod partikolari naqset li tikkonsidra l-obbligi kollha imposti fuq il-kumpanija Schembri Infrastructures Limited u l-aġir waqt it-twettiq tax-xogħlijiet, b'konsegwenza li naqset milli tapplika b'mod sew il-prinċipji legali fis-seħħ, inkluż dawk marbuta mal-grad ta' prova meħtieġ. Fi ftit kliem tfisser li fuq il-premessa li l-kumpanija appellanti kellha fuqha xi obbligu li timmarka bl-*"eżatt u bi preċiżjoni fejn tkun sitwata l-infrastruttura*

*tagħha li hi stess tkun stallat".* Tgħid li din il-linja ta' ħsieb mhux imsejsa fuq il-provi u hija kontradetta. Tirreferi għalhekk għal diversi klawsoli li jirriżultaw mill-permess li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ħarġet lill-kumpanija konvenuta marbut max-xogħlijiet. Tgħid li l-Ewwel Qorti qalbet ta' taħt fuq il-kelma u l-ispirtu tal-kundizzjoni fil-permess fi klawsola numru 14[1], li tispeċifika li l-ħaddiema tal-entitajiet jippruvaw ikunu preċiżi fl-immarkar tagħhom, b'danakollu dan l-immarkar huwa biss indikazzjoni ta' fejn ikunu għaddejjin l-istrutturi u / jew servizzi u tkompli li bl-ebda mod dan m'għandu jfisser li jekk l-entitajiet ikunu żbaljati fl-immarkar tagħhom, il-kuntrattur jinħeles mir-responsabbiltà. Dan filwaqt li skont il-kumpanija appellanti l-Ewwel Qorti warrbet kundizzjonijiet oħra fl-istess permess.

19. Il-kumpanija appellanti tkompli tgħid li mill-provi rriżulta li t-triq ma kinitx ingħalqet għat-traffiku waqt l-eżerċizzju tal-immarkar biex b'hekk ma setgħux isiru marki fil-karreġġjata. Prova konfermata minn Edward Schembri, direttur tal-kumpanija appellata u kkorroborata mir-ritratti eżebiti. Barra minn hekk, issostni li l-marki magħmula minnha juru li l-infrastruttura ta' taħt l-art kienet toħroġ 'il barra lejn il-karreġġjata tat-triq, tant li huma akkumpanjati min-numru ta' vleġeġ u anki metraġġ muri. Tkompli żżid illi li kieku ma ntużax makkinarju goff, il-kumpanija konvenuta kienet tinduna bl-infrastruttura tagħha, billi kif ammetta Edward Schembri stess, il-*cables* kienu jingħarfu li kienu tagħha. Tgħid

[1] F'paġna 141 tal-proċess.

ukoll li l-kumpanija konvenuta ma waqfitx minnufih kif saret il-ħsara lill-*cables*. Magħdud ma' dan kollu, l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti ma tatx każ li l-kumpanija konvenuta kellha l-obbligu li tagħmel kuntatt mal-kumpanija attriċi tliet (3) ijiem tax-xogħol qabel tibda x-xogħlijiet. Tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn li l-*pilot holes* ma sarux sew u hija sajma għalkollox dwar il-fatt li x-xogħlijiet mertu tal-vertenza saru mill-kumpanija konvenuta permezz ta' makkinarju goff u mhux bl-għodda tal-idejn kif rakkomandat mill-permess, tant illi fix-xhieda tal-Perit Scicluna kkonferma li kienu qegħdin jaħdmu bil-*bucket.*

20. Il-kumpanija appellata ma weġbitx b'risposta bil-miktub, b'dan illi l-avukat difensur li jidher għaliha għamel is-sottomissjonijiet tiegħu b'mod orali fis-seduta mħollija għal dan il-għan. Ingħad li f'dan il-każ l-Awtorità dwar it-Trasport ġiet avżata u ġew avżati wkoll entitajiet oħra. Il-kumpanija attriċi bagħtet rappreżentanti biex juru fejn kienu l-*cables* u ġew immarkati minnhom. Saru *pilot holes* fejn ma kienx hemm marki. Waqt ix-xogħlijiet iltaqgħu ma' pajpijiet tal-EneMalta li ma kinux immarkati u ġie kkonfermat li l-pajpijiet kienu mejtin. Kompla t-tħaffir u sabu li taħt il-pajpijiet tal-EneMalta kien hemm pajpijiet tal-kumpanija attriċi li kienu 'il fuq minn tliet metri 'l bogħod milli kienu mmarkati.

21. Hekk kif inhu miżmum, l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti m'għandux normalment jiġi disturbat, sakemm mhux għal xi

raġuni gravi, madankollu, huwa minnu wkoll li: «*l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal- Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*» (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***).

22. Din il-Qorti għarblet il-provi mill-ġdid u mingħajr tlaqliq tgħid li ma tistax taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Mill-provi rriżulta dan li ġej:

(i) Il-kumpanija konvenuta appellata kienet rebħet sejħa għall-offerti għall-*main* tad-drenaġġ minn Birżebbuġa għaż-Żejtun. Ix-xogħlijiet

kienu se jinkludu tqattigħ tat-trinek tat-toroq[2].

(ii) Bħala proċedura qabel ma jinbeda x-xogħol kien jeħtieġ permess mill-Awtoritajiet. Saret l-applikazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport li min-naħa tagħha għaddietha lill-entitajiet konċernati kollha biex ikunu jafu li se jsir ix-xogħol. Ix-xhud Thomas Debono[3] qal li l-entitajiet involuti kollha talbu li jimponu xi kundizzjonijiet. Ġie eżebit il-Permess TP4 biex isiru x-xogħlijiet fit-Toroq[4] maħruġ lill-kumpanija konvenuta. Dan il-permess kien fih bosta kundizzjonijiet.

(iii) Il-kumpanija appellanti wieġbet, fost oħrajn li kellha ssir referenza għall-kundizzjonijiet ta' Maltacom GT 1798/01. Talbet ukoll li kellha tiġi mgħarrfa tlitt ijiem tax-xogħol qabel ma jibda t-tqattigħ, kif ukoll li kopja tal-permess kellha tingħata lilha qabel l-immarkar ta' kwalunkwe *cable* jew lok[5].

(iv) Fost il-kundizzjonijiet ġenerali għall-Permess TP4 Numru 0517/05 mid-Direttorat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku nsibu:

- *"6. Il-permess jinħareġ mingħajr ebda preġudizzju lejn drittijiet ta' terzi persuni."*
- *"14. Il-kuntrattur hu miżmum responsabbli għal kull ħsara li tista' ssir fuq xi servizzi jew/u strutturi li jkunu mirduma jew xi proprjetajiet ta' terzi persuni minħabba makkinarju, xogħol, materjal jew oġġetti oħrajn*

[2] Xhieda Edward Schembri fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2011.
[3] *Trenching co-ordinator* mal-Awtorità dwar it-Trasport.
[4] Dok TD1 f'paġna 132 tal-proċess.
[5] F'paġna 134 tal-proċess.

*minħabba dan il-permess.*

*......*

*Il-kuntrattur hu obbligat li javża lil Go plc fuq in-numru tat-telefown 21255696 tlitt ijiem ta' ħidma qabel ma jibda x-xogħol.*

*.....*

*Il-ħaddiema tal-entitajiet jimmarkaw fejn għandhom is-servizzi tagħhom quddiem il-kuntrattur. L-ebda xogħol m'għandu jibda jekk il-proċess hawn imsemmi ma jkunx sar. Filwaqt illi l-ħaddiema tal-entitajiet jippruvaw ikunu preċiżi fl-immarkar tagħhom, b'danakollu, l-istess immarkar huma biss indikazzjoni ta' fejn ikunu għaddejjin is-servizzi jew/u strutturi li jkunu mirduma. Bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li jekk l-entitajiet ikunu skorretti fl-immarkar tagħhom, il-kuntrattur ikun ħieles mir-responsabbiltà.*

*Hu mitlub li l-kuntrattur, l-entità, il-kumpanija jew l-individwu li f'ismu se joħroġ dan il-permess, jerfgħu r-responsabbiltà li jħarsu dawk is-servizzi mirduma milli jsirulhom xi ħsara. Dawn il-miżuri jinkludu (imma mhux neċessarjament limitati għal dawn biss), numru ta' Pilot Holes biex isir magħruf b'ċertezza minn fejn għaddejjin is-servizzi taħt l-art biex ma ssirilhomx ħsara. Iktar minn hekk, hu mitlub li l-kuntrattur jagħmel użu tajjeb mill-apparat li jimmarka l-pożizzjoni tas-servizzi biex tiġi evitata ħsara lill-infrastrutturi.*

*Il-kuntrattur għandu jirrealizza li l-fibre optic cables, kanali vojta, katusi u cables poġġuti f'ċertu fond, ma jistgħux jiġu mmarkati mill-apparat. Għaldaqstant, il-kuntrattur għandu jagħmel użu minn dawk l-attrezzaturi li ma jagħmlux ħsara lill-infrastrutturi. Għodda tal-idejn huma rrakkomandati f'dan il-każ".*

(v) Imbagħad fil-Memorandum għall-Permessi TP4, li trid tinqara u tiġi aċċettata bħala parti mill-permess ukoll, insibu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- *"9. Qabel ma jibda x-xogħol, għandu jkun hemm perit ikkwalifikat responsabbli għax-xogħol li se jsir, biex jipproteġi l-istrutturi mirduma milli jiġu milquta mix-xogħol, u biex jagħti pariri professjonali fejn ikun hemm bżonn. Il-perit għandu jagħti din id-dikjarazzjoni bil-miktub lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta qabel ma jkun se jibda x-xogħol.*

*10. Għandu jiġi mmarkat fejn hemm strutturi mirduma li se jkunu, jew li jista' jkunu ta' impediment jew jista' jiġu milquta mix-xogħol. Qabel ma jibda x-xogħol l-entitajiet għandhom jimmarkaw minn fejn għaddejjin is-servizzi tagħhom, u kull devjazzjoni tax-xogħol, għandha tiġi verifikata mill-entitajiet konċernati.*

*......*

*17. Hu mitlub li l-kuntrattur, l-entità, il-kumpanija jew l-individwu li f'ismu se joħroġ dan il-permess, jerfgħu r-responsabbiltà li jħarsu dawk is-servizzi mirduma milli jsirulhom xi ħsara. Dawn il-miżuri jinkludu (imma mhux neċessarjament limitati għal dawn biss), numru ta' Pilot Holes biex isir magħruf b'ċertezza minn fejn għaddejjin is-servizzi taħt l-art biex ma ssirilhomx ħsara. Iktar minn hekk, hu mitlub li l-kuntrattur jagħmel użu tajjeb mill-apparat li jimmarka l-pożizzjoni tas-servizzi biex tiġi evitata ħsara lill-infrastrutturi.*

*.....*

*19. Il-kuntrattur għandu jkollu s-servizz ta' persuni professjonalment u teknikament kapaċi biex jassigura li ma ssirx ħsara lis-servizzi mirduma waqt ix-xogħol u biex jidderieġi xi tiswijiet li jista' jkun hemm bżonn".*

(vi) Edward Schembri xehed li kien hemm il-ħtieġa li jħaffru żewġ piedi u nofs.

(vii) Irriżulta li GT 1798/01 tal-Maltacom, imsemmi bħala waħda mill-kundizzjonijiet fil-permess tal-kumpanija konvenuta, jistipula li:

*"1. Where technically possible, Maltacom plc employees will do their utmost to accurately mark the road under which some form of telecommunications infrastructure exists. However Maltacom plc does not guarantee that markings given by its representatives are exact. These markings indicate the middle of a 1.2 (one point two) metre width, under which to the best knowledge of Maltacom plc employees, the infrastructure lies.*

*2. It is therefore required that the contractor, utility, company or individual whether requesting or executing Works on whose behalf this permit is being issued (referred to as 'contractor' hereafter) takes all the responsibility to take necessary precautions to assure that the underground infrastructure is not damaged. These precautions should include, (but are not Limited to), appropriate number of pilot holes to ascertain the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused. Furthermore, it is also being requested that the Contractor is to make use of the proper track location equipment to avoid damage to the infrastructure.*

*3. The contractor, company and/or individual executing Works, should be fully aware that fibre optic cables (which are of vital importance to the national voice and data networks), empty ducts and cables laid beyond a certain depth cannot be track located. In this respect the contractor has the full responsibility to use the appropriate excavating equipment, which does not cause any damage to this infrastructure. Hand tools are recommended for such work".*

(viii) Fir-rapport dwar l-inċident imħejji minn Victor Busuttil[6] u Joseph Bonnici[7] nkiteb li:

*"On 5.03.2007 the same overseer met Architect Mr Mark John Scicluna to mark our cables. The overseer marked all the cables from Alfresco Restaurant to Montebello petrol station as requested. The architect was pleased with the markings made by the overseer, however he informed the overseer that the permit was not issued yet to start works but only to make pilot holes to establish any services.* ***Overseer Mr Joseph Bonnici made it clear to the architect that before starting trenching works he is to phone to Mr Victor Busuttil, officer in charge overseers, to make another appointment so that he can come and make detection of our cables especially infront of Alfresco Restaurant.[8]***

***It should be mentioned that from 5.03.2007 till 13.03.2007 a number of pilot holes were made on the pavement and not on the road surface as per normal procedures".***

(ix) Il-kumpanija konvenuta ma kkomunikatx mal-kumpanija appellanti qabel bdiet ix-xogħlijiet. Fl-istess rapport imsemmi fl-aħħar paragrafu nkiteb: *«I, Victor Busuttil went on site to inspect the damage and found that the contractor had worked directly on our markings and consequently on our primary ducts. I was surprised since the contractor was not supposed to work on our ducts before he had consulted us to*

[6] Li kien impjegat mal-kumpanija attrċi bħala *Technical Executive*. Kien responsabbli mis-*Civil Engineering Works*. Kien jintalab mill-kuntratturi sabiex jibgħat rappreżentant tal-kumpanija biex jagħmel marki fuq il-post fejn kellu jsir it-tħaffir.
[7] *Overseer*.
[8] Enfażi tal-Qorti.

*make the detection of our cables. Nor did he inform us that he was to commence trenching works.»*

(x) Fix-xhieda tiegħu Joseph Bonnici jfisser li huwa għamel il-marki meħtieġa fit-triq u jgħid li kien iltaqa' mal-Perit u kuntrattur qabel ma beda x-xogħol. Fisser ukoll li maż-żmien it-triq fejn l-Al Fresco twessgħet u jisħaq li ġibed l-attenzjoni tal-Perit dwar dan u qallu li qabel isir it-tħaffir l-ewwel irid jinstab il-ħajt mibni bil-vasi għaliex kien minn isfel sa fuq biex jilqagħlu t-triq. Meta jinstab il-ħajt ikun itella' metru 'l barra u hemmhekk ikun hemm il-katusi tal-kumpanija attriċi.

(xi) Kontroeżami ta' Victor Busuttil u Joseph Bonnici ma sarx.

(xii) Edward Schembri xehed li saru *pilot holes* kull għoxrin metru. Kif niżlu daqs metru u nofs sabu xi pajpijiet tal-petrol. Riedu jinżlu daqs metru taħthom. Jgħid li kkomunikaw mal-EneMalta li wettqu t-testijiet tagħhom u sabu li l-pajpijiet kienu ħżiena. B'hekk setgħu jkissru dawn il-pajpijiet u jibqgħu neżlin bil-mod normali tax-xogħol. Kif imxew daqs 20 metru dawwru x-xogħol biex jistivaw kollox ħalli jinżlu fil-livell li kellhom bżonn jinżlu u kif bdew iħaffru bdew isibu l-*cables*. Waqqfu x-xogħol minnufih u ċempel lill-Perit Scicluna, li ċempel għand il-Go p.l.c., biex rappreżentanti tagħha jmorru fuq il-post. Jixhed li l-impjegati tal-kumpanija appellanti wrewh żewġ metri u nofs 'il bogħod minn fejn

sabu l-pajpijiet. B'hekk irriżulta li d-*duct road* ma kinitx fejn kienu mmarkaw bil-kulur tagħhom iżda fejn sabuhom meta ħaffru. Kienu eżatt taħt il-pajpijiet tal-petrol.

Fil-kontroeżami tiegħu kkonferma li meta l-*overseer* mar biex jimmarka l-marki tat-triq ma ngħalqitx u lanqas gwardjan lokali ma nġab.

(xiii) Il-Perit Mark John Scicluna xehed[9] li l-kumpanija attriċi permezz tar-rappreżentanti tagħha wriet fejn kienet l-infrastruttura tagħhom billi qalulhom li s-servizzi kienu għaddejjin minn taħt l-art u l-linja tagħhom kienet għaddejja fuq il-bankina. Inżammet distanza sigura ta' metru 'l bogħod mill-marki. Meta sar ix-xogħol ta' skavar il-punt fejn intlaqtu l-*cables* kien 2.3 metri 'l bogħod mid-distanza sigura mmarkata mill-impjegati tal-kumpanija appellanti. Jgħid li ma kienx preżenti waqt l-akkadut.

In kontroeżami qal li ma jiftakarx li l-impjegati tal-kumpanija attriċi meta għamlu l-marki qalulhom li l-infrastruttura taħt l-art kienet aktar 'il bogħod. Meta għamlu l-*pilot holes* ma sabux id-*duct root*. Niżlu tliet piedi u nofs jew erba' piedi bil-*pilot holes*. Sabu servizzi ta' ħaddieħor, tal-kumpanija attriċi biss ma sabux. Qal li ma niżlux aktar għaliex mhux prattika tajba li jgħaddu servizzi taħt xulxin.

[9] Fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2015.

23. Meta jitqiesu l-provi mressqa u l-kundizzjonijiet tal-permess li ħareġ, marbut max-xogħlijiet li kienu se jwettqu mill-kumpanija appellata, jirriżulta mhux ikkontestat li l-kumpanija appellata wettqet il-ħsara u d-danni kaġunati waqt li kienet għaddejja bix-xogħlijiet. Huwa ovvju li l-kumpanija konvenuta ma wżatx id-diliġenza meħtieġa. Kienet negliġenti. Irriżulta li hija warrbet bosta kundizzjonijiet mill-permess li fl-aħħar mill-aħħar hija stess kienet aċċettat li tosserva u huwa preżunt li hija kienet taf fiex kienu jikkonsistu.

24. L-Ewwel Qorti qieset li ladarba l-kumpanija appellata ċaħdet li l-kumpanija attriċi għarrfet lill-kuntrattur, li kien hemm partijiet mit-triq li riedu jiġu eżaminati b'*detector,* il-konsegwenza neċessarja kienet li dawn il-verżjonijiet kunfliġġenti ma serħux moħħ il-ġudikant.

25. Madankollu, «*Kif josserva però l-Imħallef insenji Maurice Caruana Curran fil-kawża* ***Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia (Vol. L.ii.440),*** *"mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, speċjalment fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza*

*tal-provi, għax dawn f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant»* (Ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Mejju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Camilleri v. Bernard Mayo***).

26. Din il-Qorti tqis li fuq bilanċ ta' probabilitajiet ġie ppruvat mill-kumpanija appellanti li meta Joseph Bonnici, *overseer,* mar biex jagħmel il-marki fit-triq, kien qal lill-kuntrattur u lill-Perit Scicluna li l-kumpanija attriċi kellha tiġi mitkellma qabel isiru x-xogħlijiet u li kellu jintuża apparat biex l-infrastruttura tagħha tinstab. Ma jistax ma jiġix innutat li l-Perit Scicluna kien pjuttost evażiv meta ġie mistoqsi dwar dan. Lil hinn mix-xhieda ta' Victor Busuttil u Joseph Bonnici ma jistgħux jitwarrbu l-kundizzjonijiet tal-permess aktar 'il fuq imsemmija. Il-kuntrattur kellu l-obbligu li jgħarraf lill-kumpanija attriċi tliet ijiem tax-xogħol qabel ma jibda x-xogħlijiet. Huwa ovvju li ma ntuża l-ebda apparat biex jinstab bi preċiż fejn kienu l-*cables*. Il-kumpanija appellanti qalet li dan il-kuntatt ma sarx u l-kumpanija konvenuta la ċaħdet din id-dikjarazzjoni u wisq anqas ressqet xi prova biex tirribatti l-istess.

27. Irriżulta li ntuża makkinarju goff. Fuq kollox, il-Perit Scicluna qal li meta saru l-*pilot holes* instabu s-servizzi ta' entitajiet oħrajn iżda mhux tal-kumpanija appellanti. Biss però, il-kumpanija konvenuta kienet taf li kien hemm infrastruttura tal-Go p.l.c., b'hekk jiġi li l-kumpanija appellata

aktar u aktar messha qagħdet attenta u mxiet mal-kundizzjonijiet imposti fil-permess *ad unguem.* Kienet taf li l-oneru kien fuqha li tħares is-servizzi ta' taħt l-art. Verament ir-rappreżentanti tal-entitajiet differenti jagħmlu l-marki tagħhom u dawn għandhom isiru bil-galbu u kemm jista' jkun bi preċiżjoni. Madankollu, l-immarkar waħdu ma jeżonerax lill-kuntrattur u dan hekk kif jirriżulta mill-permess innifsu li nħareġ fuq isem il-kumpanija konvenuta sabiex twettaq ix-xogħlijiet.

28. Ta' riljev ukoll id-dikjarazzjoni tal-Perit Scicluna mal-Pulizija *a tempo vergine,* fejn mistoqsi jekk waqt ix-xogħol tat-tħaffir innutax li kien hemm xi *cables*, stqarr li fil-bidu huwa lemaħ żewġ *cables* li kienu tal-EneMalta, biss dawn kienu mejtin. Kif kompla t-tħaffir ra *cable "u immaġina li huwa wkoll mejjet",* biss intebaħ li kien *cable* tal-kumpanija Maltacom[10].

29. Fi proċeduri simili bħal dawk tal-lum, ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***GO p.l.c. v. Schembri Infrastructures Limited*** li, *«jibda biex jiġi osservat in tema legali illi, apparti min-natura insita tagħha, l-attività de quo kondotta mis-soċjetà konvenuta appellata tassumi wkoll il-karatteristika tar-riskju u tal-perikolu minħabba kondotta imprudenti jew negliġenti minn min jeżerċitaha. Proprju, in-ness kawżali bejn din il-*

[10] Okkorrenza ppreżentata u kkonfermata bil-ġurament minn PC 827 Edward Grech.

*kondotta imprudenti u l-event tal-ħsara hu kwalifikat minn natura riskjuża nnifisha ta' l-attività u ta' dawk tal-mezzi utilizzati għall-eżerċizzju u l-eżekuzzjoni tagħha.»*

30. Dik il-Qorti kompliet dan li ġej:

> *"F'każijiet tax-xorta in eżami r-responsabiltà tal-kuntrattur tax-xogħlijiet tinżel mill-fatt dupliċi illi: (i) ma jkunx għamel verifiki adegwati ex ante l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, u (ii) ma jkunx uża, ex-Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-istess eżekuzzjoni tax-xogħlijiet;*
>
> *Fil-ħsieb tagħha fuq l-eżami tal-provi, u bl-invers ta' dak determinat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tħossha sodisfatta illi s-soċjetà attriċi appellanti rnexxielha mhux biss tagħmel il-prova fil-konfront tas-soċjetà konvenuta appellata taż-żewġ elementi appena elenkati iżda wkoll, u fuq kollox, il-prova tan-ness ta' kawżalità bejn l-imġieba imprudenti tas-soċjetà konvenuta fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u d-dannu emerġenti. Hi rnexxielha turi illi s-soċjetà konvenuta naqset li tottempora ruħha mal-kundizzjonijiet imposti, naqset milli tagħti preavviż tal-bidu tax-xogħlijiet u naqset ukoll milli tadotta l-miżuri okkorrenti bħal pilot holes u l-użu ta' makkinarju idoneju għax-xorta ta' cables mirduma;*
>
> *Dejjem fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà konvenuta ma tistax tappilja ruħha mal-iskużanti illi marki ma kienx hemm fil-parti tas-superfiċji tat-triq fejn sar l-iskavar minnha, għaliex kieku stess kien hekk, il-pilot holes u l-użu ta' "proper track location equipment" setgħu jindikawlha, li fil-fatt, anke fejn sar l-iskavar, kienu għaddejjin il-cables. Ikollu jingħad illi din il-Qorti mhix tant impressjonata minn dak iddikjarat mir-rappreżentanti tas-soċjetà appellata illi din ma għamlitx il-pilot holes għaliex kien hemm spazju biżżejjed illi x-xogħol seta' jsir mingħajr perikolu. Huwa għalkollox immaterjali jekk kienx hemm immarkar preċiż jew le, għaliex il-ħtieġa ta' dawn il-pilot holes kienet fis-sustanza hekk eskoġitata mill-kundizzjonijiet tal-permess biex ikun aċċertat jekk f'dik il-parti tat-triq li kellha tiġi skavata, ukoll fl-assenza ta' markar preċiż, kienx hemm l-infrastruttura. Jekk allura s-soċjetà appellata ħadet ir-riskju, għaddset rasha u tat bidu għax-xogħlijiet mingħajr ma għamlet indaġni sewwa u kif suppost permezz tal-pilot holes, hi ma tistax tippretendi li l-ħtija ma tiġix imputata lilha għaliex din kienet tas-soċjetà appellanti li ma għamlitx marki preċiżi. Pretensjoni bħal din, fil-fehma tal-Qorti, ma tistax isserviha bħala diskariku mir-responsabbiltà meta hi, imprudentement, ma segwietx l-obbligi li kienu jiddettawlha l-kundizzjonijiet. Ukoll għar-rigward tal-użu ta' għodod u inġenji li kellha tuża. Palesament, imbagħad, jekk kif ukoll pretiż minnha, hi eżegwit ix-*

> *xogħlijiet bil-prekawzjonijiet okkorrenti, l-istess ma rriżultawx li kienu hekk suffiċjenti għaliex id-dannu xorta waħda seħħ. Dannu dan li kien oġġettivament evitabbli kieku s-soċjetà appellata kkonformat ruħha pjenament għall-kundizzjonijiet tal-liċenzja".*

31. Fil-każ tagħna, saru *pilot holes* iżda mhux fl-istess fond li kien se jsir it-tħaffir. Tant huwa hekk, li l-kumpanija appellanti sostniet li dawn ma sarux tajjeb. Instabu *cables* ta' entitajiet oħrajn iżda mhux tal-kumpanija attriċi għaliex dawn kienu aktar 'l isfel. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq imsemmija huwa f'loku anke għall-kawża tagħna.

32. Għalhekk il-kumpanija appellanti għandha raġun f'dan l-aggravju tagħha li l-kumpanija appellata taħti għall-ħsara li saret fil-*cables*.

33. Miżmum dan, il-pass li jmiss huwa li jiġu kkwantifikati d-danni mġarrba mill-kumpanija appellanti. Dan billi rriżulta n-ness kawżali bejn ix-xogħlijiet imwettqa mill-kumpanija appellata u l-ħsara fl-infrastruttura tal-kumpanija appellanti.

34. Din il-Qorti għandha s-setgħa bit-tħaddim tal-**Artikolu 233(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li tgħaddi biex tillikwida d-danni hija stess bla ħtieġa li tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti.

35. Il-kumpanija appellanti talbet l-ammont speċifiku ta' €72,960.40 fir-rikors maħluf u fl-ittri uffiċjali mibgħuta minnha lil Schembri Infrastructures

Ltd. Hija ppreżentat il-fattura li ġġib id-data tad-9 ta' Awwissu, 2007[11]. Barra minn dan, ix-xhud Pierre Debrincat[12] ippreżenta Dok PD5[13], li huwa sommarju tal-fattura. L-ammonti msemmija fis-sommarju ġew kollha msaħħa b'dokumentazzjoni eżebita mill-istess xhud, ħlief għall-ammont ta' €382.62 (LM164.26), li jingħad li tħallas għar-rapport tal-pulizija u l-ammont ta' €8,616.35 (LM3,699), li jingħad li huwa kalkolu tat-telf ta' qligħ tal-kumpanija, billi l-ħsara mġarrba billi kien hemm erba' *cables* involuti, fissret li kien hemm eluf ta' linji fissi milquta. Ix-xhud fisser li l-komputazzjoni nħadmet fuq *ir-records* u ġiet ibbażata fuq id-*downtime* li kien hemm. Ġie konkluż telf ta' qligħ ta' €1.26 (54c ta' liri Maltin) għal kull ġurnata għal kull linja. Biss dawn inħadmu fuq ipoteżi.

36. Il-kumpanija appellata filwaqt li ċaħdet ir-responsabbiltà tal-akkadut, iffukat biss fuq dak l-aspett u bl-ebda mod ma sabet oġġezzjoni jew ressqet provi sabiex b'xi mod tikkontrasta l-ammont mitlub. Madankollu, l-oneru sabiex jiġu ppruvati d-danni jaqa' fuq il-kumpanija appellanti. Billi ma ġiet ippreżentata ebda prova għall-ħlas tar-rapport tal-pulizija, dan ifisser li dan l-ammont ma ġiex ippruvat. Għal dak li huwa telf ta' qligħ, filwaqt li m'hemmx dubju li kien hemm xi telf billi kien hemm eluf ta' linji milquta, din il-Qorti tqis li għandha tnaqqas l-ammont mitlub għal €5,823.43 (Lm2,500) u dan billi l-ammont imsemmi huwa maħdum fuq

[11] Dok A f'paġna 5 tal-proċess.
[12] Impjegat mal-kumpanija appellanti fid-dipartiment tal-Finanzi.
[13] F'paġna 193 tal-proċess.

assunzjoni li kull linja kienet se tintuża kuljum. Għalhekk l-ammont li se jiġi likwidat huwa ta' €69,785[14].

37. Ngħaddu issa għall-kwistjoni tal-imgħax. Filwaqt li l-kumpanija appellata sostniet li ladarba l-ammont se jiġi likwidat permezz tas-sentenza, l-imgħax għandu jitlaq mis-sentenza. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija appellanti tisħaq li hija dejjem kienet konsistenti fit-talba għal ammont speċifiku sa mill-preżentata tal-ittri uffiċjali, u għalhekk qiegħda titlob imgħax mid-9 ta' Awwissu, 2007, li hija d-data tal-fattura għaliex din kienet l-ewwel data li l-kumpanija appellata ssejħet għall-ewwel darba sabiex tħallas, u dan b'applikazzjoni tal-**Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili**.

38. Hekk kif ġie miżmum fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tas-16 ta' Marzu, 2016 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Busuttil v. Anton Camilleri et***:

> *"L-art. 1141(2) huwa applikazzjoni tal-prinċipju lite contestata usuræ currunt. L-imgħax mela kellu jibda jgħaddi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Ir-raġuni hija illi d-debitur, għalkemm imsejjaħ biex iħallas, baqa' jgawdi flus li suppost kellu jgawdihom il-kreditur. Dak il-benefiċċju għalhekk għandu jgħaddih lill-kreditur fil-forma ta' mgħaxijiet; ma għandux jieħdu d-debitur il-benefiċċju talli dewwem il-ħlas"*.

39. Fil-każ tagħna l-kumpanija appellanti sa mill-bidu nett permezz tal-ittri uffiċjali talbet l-ammont li niżżlet fir-rikors promotur. Il-fatt li din il-Qorti

[14] Permezz ta' nota konġuntiva l-partijiet qablu li l-ammont tad-danni mitluba huwa suġġett għall-applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont ma jirriżulta mill-fattura.

se tillikwida somma ftit anqas minn dik mitluba ma jbiddel xejn mill-prinċipju mtenni fil-paragrafu ta' qabel dan. Il-kumpanija konvenuta appellata ssejħet l-ewwel darba mill-kumpanija appellanti biex tħallas is-somma mitluba kien permezz tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Diċembru, 2007, li ġiet notifikata lill-istess kumpanija konvenuta fit-8 ta' Jannar, 2008.

40. Din il-Qorti tqis li għaldaqstant l-imgħax għandu jitlaq mid-data tat-8 ta' Jannar, 2008.

41. Ngħaddu issa għall-**aggravju dwar l-ispejjeż**. Il-kumpanija appellanti ressqet aggravju mingħajr preġudizzju għall-aggravju ewlieni, li l-Ewwel Qorti ma messha qatt ikkundannatha tħallas l-ispejjeż tal-kumpanija msejħa fil-kawża fuq talba tal-kumpanija appellata. Filwaqt li l-kumpanija appellanti kellha raġun fil-prinċipju f'dan l-aggravju, meqjus il-fatt li din il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju ewlieni fuq il-mertu u s-sentenza tal-Ewwel Qorti se titħassar, jiġi b'hekk li anke għal dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż dawn se jkollhom jitħallsu kollha mill-kumpanija konvenuta telliefa.

42. Iżda għal dak li huma spejjeż marbuta ma' dan l-appell, jiġi nnutat li l-aggravji mressqa mill-kumpanija appellanti jolqtu biss lill-kumpanija Schembri Infrastructures Ltd biss u mhux ukoll lill-kumpaniji assiguratriċi, li kienu msejħa fil-kawża. Madankollu, il-kumpaniji Mapfre Middlesea

p.l.c. u Elmo Insurance Limited ippreżentaw it-tweġibiet tagħhom.

43. Il-kumpanija appellanti waqt it-trattazzjoni ġibdet l-attenzjoni għall-fatt, li l-ispejjeż marbuta mat-tweġiba ta' dawn iż-żewġ kumpaniji għandhom jitħallsu minnhom stess.

44. Din il-Qorti tqis li dan ir-raġunament huwa wieħed siewi b'riħet l-**Artikoli 144 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan l-artikolu jaqra li:

> *"144. (1) Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell għandu jiġi notifikat lill-partijiet kollha iżda l-partijiet biss li kontra tagħhom isir l-appell għandhom fi żmien tletin (30) jum jippreżentaw it-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud".*

45. Minn dan l-artikolu joħroġ ċar li: (i) l-appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom; (ii) fl-istess rikors għandu jkun hemm kontra liema parti qiegħed jitressaq; (iii) ir-rikors tal-appell xorta waħda għandu jkun notifikat lill-partijiet kollha li kienu fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, anke jekk ma jkun hemm ebda aggravju li jolqot lil dik il-parti; u (iv) it-tweġiba għandha tiġi ppreżentata fi żmien tletin jum min-notifika, biss minn dik il-parti jew partijiet li kontra tagħha jew tagħhom sar l-appell u fiha jkollha r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

46. Jinżel għalhekk li ġaladarba l-kumpanija appellanti fir-rikors tal-appell tagħha niżżlet li l-aggravju kien fil-konfront biss tal-kumpanija Schembri Infrastructures Limited, allura l-kumpaniji msejħa fil-kawża ma kellhomx jippreżentaw tweġiba u b'hekk l-ispejjeż tat-tweġiba tagħhom għandhom ibatuhom huma.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-kumpanija GO p.l.c. u għaldaqstant qiegħda tibdel is-sentenza tal-Ewwel Qorti, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija Schembri Infrastructures Limited, tilqa' t-talbiet tal-kumpanija attriċi skont kif deċiż hawn fuq u għalhekk tikkundanna lill-kumpanija Schembri Infrastructures Limited tħallas is-somma ta' disgħa u sittin elf, seba' mija u ħamsa u tmenin Ewro (€69,785) lill-kumpanija GO p.l.c., bl-imgħax li jitlaq mit-8 ta' Jannar, 2008 u bit-taxxa fuq il-valur miżjud. Bl-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandha tbatihom kollha l-kumpanija Schembri Infrastructures Limited. Il-kap tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li permezz tiegħu l-kumpaniji kjamati fil-kawża nħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju jibqa' mhux mittiefes[15].

[15] Anke għaliex ma sar l-ebda appell minnu.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-kumpanija Schembri Infrastructures Limited, ħlief dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tweġibiet tal-kumpaniji Mapfre Middlsea p.l.c. u Elmo Insurance Limited li għandhom jitħallsu minn dawn l-imsemmija kumpaniji hekk kif fuq imfisser.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm